**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL SENA** **STORJA** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**1. Qabbel dawn il-kliem. L-ewwel waħda ġiet mogħtija bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Ta' Kaċċatura | | Fdal ta' villa f'Għawdex |
| 2 | Għajn Tuffieħa | 1 | Ġiebja ta' żmien ir-Rumani |
| 3 | Għawdex | | Għasir taż-żebbuġ |
| 4 | Għajn Rażul | | Domus Romana |
| 5 | Ramla l-Ħamra | | San Pawl f'Malta |
| 6 | Rabat | | Katakombi |
| 7 | Ta' Bistra | | Gayliton |
| 8 | Iż-Żejtun | | Kumpless ta' tempji |
| 9 | Tas-Silġ | | Banjijiet Rumani |

**(1x8=8 marki)**

**2. Ma' liema ċivilta` nassoċjaw dawn ? L-ewwel waħda ngħatat bħala eżempju.**

2.1. Borġ in-Nadur ……………………Żmien il-Bronż..................................

2.2. Piramidi ………………………………………………………

2.3. Siġar taċ-ċedru ………………………………………………………

2.4. Annibale Barka ………………………………………………………

2.5. Kostantinopli ………………………………………………………

2.6. Mekka ……………………………………………………….

**(1x 5= 5 marki)**

**3. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet**

*"Il-bniedem minn dejjem għamel affarijiet biex jipprova jtejjeb il-kondizzjonijiet tiegħu u jgħix ħajja aħjar. Sa mill-bidu beda juża l-annimali biex minnhom jieħu l-ġlud għall-ilbies u l-ikel li jmantnih. Il-bniedem sar jaf juża moħħu biex għamel diversi sejbiet li tejbulu ħajtu. B'dan il-mod bosta ċiviltajiet għamlu progress."*

3.1. Semmi żewġ sejbiet importanti li għamel il-bniedem fiż-Żmien Neolitiku.

________________________________________________________________

__________________________________________________________ (2 marki)

3.2. X'kienu jagħmlu  l-bnedmin ta' żminijiet preistoriċi mal-mejjet li juri li kienu jemmnu f'ħajja wara l-mewt?

________________________________________________________________

__________________________________________________________ (2 marki)

3.3. Instabu bosta ġiżirani magħmula bl-għadam u biċ-ċagħaq miż-Żmien Neolitiku. X'juruna dawn is-sejbiet?

________________________________________________________________

__________________________________________________________ (2 marki)

3.4. Il-bniedem preistoriku ma kienx juża l-flus. Kif taħseb li kien isir in-negozju f'dawk iż-żminijiet?

________________________________________________________________

__________________________________________________________ (2 marki)

3.5. Għaliex taħseb li l-invenzjoni tal-kitba għenet lill-bniedem?

________________________________________________________________

__________________________________________________________ (2 marki)

3.6. Liema sengħa għenet lill-bniedem biex itejjeb l-ilbies li jilbes?

__________________________________________________________ (marka)

3.7. X'kienu jagħmlu l-Feniċi biex id-drapp tagħhom ikun aktar attraenti?

__________________________________________________________ (marka)

3.8. Liema minn dawn huma fdalijiet ta' Żmien il-Bronż?

(raddi tar-roti, Ġgantija, Skorba, ċippus, dolmen) (2 marki)

3.9. Għaliex in-nies ta' Żmien il-Bronż, kellhom il-villaġġi tagħhom f'postijiet għolja?

______________________________________________________________________

_____________________________________________________________(2 marki)

3.10. Semmi **tliet** postijiet fil-gżejjer Maltin fejn instabu fdalijiet preistoriċi.

______________________________________________________________________

_____________________________________________________________ (3 marki)

**(Total: 19-il marka)**

**4. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet**



4.1. Fl-istampa għandek tara triq fl-Imdina. X'karatteristiċi għandhom it-toroq tal-belt kapitali l-qadima ta' Malta?

____________________________________________

____________________________________________

_______________________________________(2 marki)

4.2. Hemm bliet oħra Għarab fl-Afrika ta' Fuq li jġibu l-istess isem. X'tista' tinduna minn dan il-fatt?

____________________________________________

____________________________________________

_______________________________

_____________________________________________________________(2 marki)

4.3. Min kien il-bniedem li pprietka u xerred ir-reliġjon Iżlamika?

_______________________________________________________________ (marka)

4.4. Liema huwa l-ktieb meqjus bħala qaddis mill-Misilmin?

_______________________________________________________________ (marka)

4.5. Għaliex lill-Misilmin isejħulhom "in-nies tal-Ktieb"?

_______________________________________________________________ (2 marki)

4.6. L-Għarab xerrdu r-reliġjon Iżlamika fl-Afrika ta' Fuq u fil-postijiet fl-Ewropa li waqgħu taħt il-ħakma tagħhom. Immarka **żewġ** postijiet oħra minn dawn li sabu ruħhom taħt il-ħakma Għarbija.
(Spanja, Franza, Greċja, Sqallija, Ġermanja). (2 marki)

4.7. Fl-ispazju pprovdut ikteb paragrafu dwar x'nafu fuq il-ħajja fil-gżejjer Maltin fi żmien il-ħakma Għarbija.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(5 marki)

**(Total: 15-il marka)**

5. <u>**Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet**</u>



5.1. F'dan is-sors għandek tara statwa ta' Alla prinċipali fil-mitoloġija Griega. Min kien?

_____________________________________________(marka)

5.2. Barra mill-istatwi, ikteb żewġ affarijiet tal-Griegi li għadna nistgħu naraw sa llum.

_____________________________________________

_____________________________________________(2 marki)

5.3. Semmi t-**tliet** stili ta' arkitettura li nsibu fil-kolonni Griegi.

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________(3 marki)

5.4. Qabbel dawn il-personaġġi magħrufa mal-qasam li għalih huma magħrufin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Aristotli | | Letteratura |
| 2 | Ħeroditu | | Filosofija |
| 3 | Pitagora | | Politika |
| 4 | Omeru | | Storja |
| 5 | Perekle | | Matematika |

(5 marki)

5.5. Aqta' sinjal taħt l-**erba'** allat li kienu jaduraw il-Griegi.

(Ġunone, Atena, Astarte, Afrodite, Melkart, Erkole, Hera, Proserpina)

(4 marki)

**(Total: 15-il marka)**

**6. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet**



6.1. L-imperu Ruman kiber u ssaħħaħ minħabba l-qawwa tal-armata tiegħu. Semmi **erba'** postijiet mirbuħa mill-armati Rumani.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (4 marki)

6.2. Wara li Ruma rebħet l-għedewwa tagħha ġie perijodu ta' paċi u stabilita`. Kif kien magħruf dan il-perijodu?

______________________________(marka)

6.3. Ir-Rumani għenu liċ-ċivilta` anke fl-arkitettura. Semmi **żewġ** affarijiet fis-sengħa tal-bini li ħolqu jew żviluppaw ir-Rumani.

______________________________(2 marki)

6.4. Is-soċjeta` Rumana kienet maqsuma fi tnejn. Kif kienu magħrufa:

(a) is-sinjuri ______________________________

(b) in-nies tal-klassi l-baxxa f'Ruma?______________________________

(marka x 2)

6.5. Fid-Domus Rumana nsibu bosta fdalijiet minn żmien ir-Rumani li nstabu fil-gżejjer Maltin.

Semmi **żewġ** fdalijiet li nistgħu nsibu f'dan il-mużew.

______________________________

______________________________(2 marki)

6.6. X'kien ix-xogħol ta' pretur Ruman?

______________________________(2 marki)

6.7. Liema belt fil-Lvant serviet bħala l-kapitali tal-imperu Ruman?

_______________________________________________ (marka)

6.8. Għal liema imperatur ġiet imsemmija?

_______________________________________________ (marka)

6.9. Kif kien magħruf l-Imperu Ruman tal-Lvant?

_______________________________________________ (marka)

6.10. X'wassal għall-waqgħa tal-Imperu Ruman?

____________________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

**(Total: 18-il marka)**

<u>**7. Ikteb dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti**</u>

7.1. L-Eġizzjani ħallew warajhom ċivilta` kbira u sabiħa. Ikteb x'taf fuqha.

7.2. Il-każ ta' Kajju Verres kien qanqal interess kbir u laqat lill-Maltin. X'dawl jitfa' dan il-każ fuq il-ħajja tal-Maltin taħt ir-Rumani?

7.3. Kif setgħet kienet il-ħajja tal-Maltin fil-preistorja? Tista' ssemmi tagħrif dwar l-ikel, l-ilbies u t-tiżjin, ix-xogħol, il-kenn u l-għodod.

7.4. Min kienu l-Feniċi u x'kien il-kontribut tagħhom fl-istorja?

**(20 marka)**

**TMIEN IL-KARTA**